**Konferma tal-wasla tal-ilment multiplu CHAP (2013) 01917.**

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti li jindikaw ksur possibbli tad-dritt tal-Unjoni Ewropea marbut mal-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika Spanjola, b'mod partikulari rigward is-sitwazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi b'kuntratt temporanju.

Fid-dawl tal-għadd kbir ta' lmenti li waslu b'rabta ma' din il-kwistjoni, il-Kummissjoni reġġħet irreġistrathom kollha taħt numru wieħed ta' referenza, CHAP(2013) 01917, u se jiġu ttrattati bħala lment multiplu.

Mil-lum 'il quddiem, il-korrispondenza kollha tal-Kummissjoni b'rabta mal-ilment tiegħek se tiġi ppubblikata fil-ħolqa li ġejja:

https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints_mt

Permezz ta' din il-paġna, dawk kollha li jkunu bagħtu lment se jiġu infurmati bir-riżultati tal-valutazzjoni tal-ilmenti mwettqa mill-Kummissjoni, kif ukoll bil-miżuri ta' segwitu li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tieħu.